

**Dispożittiv**

- (1) *L-appell huwa miċħud.*
- (2) *Carrols Corp. hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 174, 16.06.2012.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tas-7 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Social — Spanja) — Rafaela Rivas Montes vs Instituto Municipal de Deportes de Córdoba (IMDECO)**

(Kawża C-178/12) (<sup>1</sup>)

(Artikoli 53(2) u 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Politika soċjali — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Direttiva 1999/70/KE — Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat — Klawżola 4 — Kuntratti ta' xogħol għal żmien determinat fis-settur pubbliku — Determinazzjoni tal-anzjanità — Differenza fit-trattament bejn persunal irregolat minn regolamenti dwar il-persunal u membri tal-persunal bil-kuntratt — Teħid inkunsiderazzjoni ta' perijodi ta' attività preċedenti mwettqa fi ħdan l-amministrazzjoni — Nuqqas manifest ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja)

(2013/C 129/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Social

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Rafaela Rivas Montes

Konvenut: Instituto Municipal de Deportes de Córdoba (IMDECO)

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Juzgado de lo Social — Interpretazzjoni tal-Artikolu 45(4) TFUE — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-metodu ta' kalkolu tal-bonus ta' anzjanità fis-servizz pubbliku — Applikazzjoni minn amministrazzjoni pubblika ta' regoli differenti skont jekk ir-relazzjoni ta' xogħol hijiex irregolata minn regolamenti dwar il-persunal jew minn kuntratt — Assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' ċerti perijodi mwettqa mill-persunal li ma huwiex irregolat minn regolamenti dwar il-persunal

**Dispożittiv**

*Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea manifestament ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Juzgado de lo Social n° 1 de Córdoba (Spanja), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Frar 2012.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 209, 14.07.2012.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Marzu 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tar-Rechtbank te Rotterdam. — il-Pajjiżi l-Baxxi) — proċeduri kriminali kontra EBS Le relais Nord Pas De Calais**

(Kawża C-240/12) (<sup>1</sup>)

(“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Inammissibilità”)

(2013/C 129/07)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank te Rotterdam

**Parti fil-proċeduri kriminali fil-kawża prinċipali**

EBS Le relais Nord Pas De Calais

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Rechtbank te Rotterdam — Il-Pajjiżi l-Baxxi — Interpretazzjoni tal-Artikoli 15 u 26(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93, tal-1 ta' Frar 1993, dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjaġġi bil-baħar ta' skart fi, għal u mill-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2 p. 176) u tal-Artikolu 2(32) tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 2006, dwar vjaġġi ta' skart (ĠU L 190, p. 1) — Kunċett ta' tranżitu — Trasferiment ta' skart bil-bastiment minn Stat Membru lejn Stat li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-OECD — Rmiġġ, matul il-vjaġġ, f'port fi Stat Membru ieħor

**Dispożittiv**

*It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank te Rotterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Mejju 2012, hija manifestament inammissibbli.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 243, 11.08.2012.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-7 ta' Frar 2013 — Jarosław Majtczak vs Feng Shen Technology Co. Ltd, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

(Kawża C-266/12 P) (<sup>1</sup>)

(Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 51(1)(b) — Mala fide tal-applikant fil-mument tal-applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja — Trade mark figurattiva FS — Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità)

(2013/C 129/08)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrent: Jarosław Majtczak (rappreżentant: J. Radłowski, radca prawny)